## Appendiċi 1

Laqgħa li saret ma' rappreżentanti tas-Senglea Athletics F. C. nhar il-Ħamis 30 ta' Mejju, 2002 fit-3.00pm fl-uffiċċju ewlieni tal-Kunsill fi Triq San Ġużepp.

| Preżenti : | Senglea Athletics F.C. | Kunsill Lokali Isla |
|---|---|---|
| | Dr. V. Zammit | J. Casha |
| | Frans Mizzi | R. Chircop |
| | Stephen Perici | C. Gerada |
| | | A. Zammit |

(1) Korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill lis-Senglea Athletics F.C.

Dr. V. Zammit il-president tal-Klabb stqarr li kien żbaljat u kien hemm nuqqas ta' kommunikazzjoni bejnhu u s-Segretarju tal-Klabb. Fil-fatt il-korrispondenza dwar il-każ tas-Sinjura Gerada li l-Kunsill kien bagħat waslu u ser jiġu trattati mal-Kumitat tat-Tmexxija li għadhu kif ġie elett.

Għaldaqstant il-president Dr. V. Zammit skuża ruħu mal-Kunsill għal dan in-nuqqas ta' kommunikazzjoni bejnhu u s-segretarju. Il-Kunsill aċċetta din l-ispjega.

(2) Saret diskussjoni ta' kif il-Kunsill jista' jgħin fit-tkabbir tal-Youth Nursery anke ta' kif il-premises tal-Kunsill li hemm Misraħ 4 ta' Settembru jista' jiġi wżat aktar f'dan ir-rigward.

(3) Il-Kumitat tas-Senglea Athletics F. C. qed jinħass il-bżonn li jkun hawn pitch tal-football adekwat għaż-żmien ta' llum.

Il-Kunsill kien ta' l-istess fehma u lest li jgħin skond il-limiti li ttieh il-liġi u l-mezzi finanzjarji. Min-naħa tiegħu l-Kunsill qed jaħdem biex ikun hawn football pitch artifiċjali (5-a-side).

(4) Il-Kumitat tas-Senglea Athletics F. C. talab għajnuna mill-Kunsill għall-attivitajiet li ser itella bħala ċelebrazzjonijiet tal-promotion li dan il-klabb rebaħ mis-$2^{nd}$ Division għall-$1^{st}$ Division.

Is-Sindku fisser li skond kif tgħid il-liġI tal-Kunsilli Lokali, l-Kunsill ma' jistgħax jagħti flus lill-għaqdiet li mhux imsemmija speċifikament fil-lista li hemm indikata fl-Att tal-Kunsilli Lokali.

Min-naħa tiegħu huwa ser jissuġġerixxi lill-Kunsill biex itellgħa attivita' bħala parti mill-programm li qed jitħejja mal-klabb.